# L-Istatwi fit-Toroq ta' Ħal Kirkop fil-Festa ta' San Ġużepp

*Kitba ta' Victor Caruana*
*B.A. (Hons), MA Storja tal-Arti*

## Nota Editorjali

Festa tipika Maltija għandha diversi ingredjenti li jħawruha, fosthom in-nar, l-armar u l-baned. Il-qasam tal-armar huwa wieħed estensiv mhux ħażin, għax jinkludi, drapp, dwal u anke xogħol statwarju. Proprju dwar dan l-aspett artistiku tax-xogħol statwarju armat fit-toroq tagħna matul il-jiem tal-Festa, Victor Caruana qed jikteb dan l-artiklu b'laqta bejn storika u kritika b'enfasi speċjali fuq l-għadd ta' statwi li jintramaw fit-toroq Koppin għall-Festa ta' San Ġużepp. Nasal ngħid li konna xxurtjati li Dun Ġużepp Barbara D.D. u l-ewwel soċi u attivisti tas-Soċjetà għoġobhom jaħsbu biex jikkumplimentaw il-Festa ta' San Ġużepp b'mhux anqas minn barra. B'hekk nistgħu ngħidu li aħna sibna bażi soda fuq xiex inserrħu u nimirħu aktar. Fl-aħħar snin rajna wkoll introduzzjoni ta' għadd ta' statwi oħra, fosthom tliet gruppi statwarji mill-isbaħ.

Meta fl-1870 iżżanżnet l-istatwa ta' Ġuditta fit-toroq tal-Isla għall-festa ta' Marija Bambina,[1] kienet ġiet miżrugħa ż-żerriegħa li wasslet sabiex jiżviluppa wieħed mill-aktar aspetti interessanti u artistiċi li nsibu fil-festi Maltin – dak tal-istatwi fit-toroq u l-pjazzez ewlenin tal-irħula u l-ibliet tagħna. L-użu ta' dawn ix-xbihat huwa marbut sew mal-istorja tal-kartapesta f'pajjiżna kif ukoll mal-evolviment tal-festi esterni. Fil-fatt, dawn kienu żewġ elementi li lkoll wasslu għall-popolarità dejjiema ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet efimeri li f'dan il-każ jissejħu statwi u mhux vari. Dan peress li ma sarux bl-iskop li jiġu merfugħa u trasportati minn post għall-ieħor fuq l-ispalla bħal fil-każ tal-vari fil-knejjes li jintużaw waqt il-purċissjonijiet jew manifestazzjonijiet oħra.

Ġeneralment dawn l-istatwi juru anġli, profeti, qaddisin, puttini, isqfijiet, papiet, personaġġi relatati mal-parroċċa, allegoriji jew xeni mill-ħajja tal-qaddis partikolari u jkunu armati fuq pedestalli kbar, komunament imsejjħa 'kolonni', b'qies li jiddependi mill-kobor tax-xbieha li tkun ser titpoġġa fuqhom. Illum-il ġurnata, dawn ikunu miżbugħa permezz ta' tip ta' arti msejjħa *'faux art'* (frażi Franċiża li tfisser 'arti falza') peress li jagħtu l-impressjoni li jkunu maħduma fl-irħam mentri fil-verita jkunu xogħol fl-injam. Apparti hekk, dawn il-pedestalli jkunu dekorati permezz ta' disinji varji minquxa fl-injam jew maħduma mill-fibre u ndurati fejn l-istil l-aktar popolari huwa dak Barokk jew Rococo' għalkemm insibu wkoll oħrajn li għandhom stil *Liberty*.



L-istatwa Artistika tas-Sagra Familja xogħol il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi li żżanżnet fil-Festa tal-2005 fl-okkażjoni tal-50 sena mill-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.

## Il-Bidu, l-Iskop u l-Iżvilupp tal-Istatwi fit-Toroq

L-istatwa ta' Ġuditta fl-Isla msemmija aktar 'il fuq kienet xogħol ta' Gerolamo Darmanin, in-neputi tal-istatwarju magħruf Carlo Darmanin. Jidher li din l-immaġni tal-kartapesta ma kellhiex il-polikromija li naraw fl-istatwi fil-preżent iżda kienet miżbugħa b'mod monokromatiku sabiex tagħti l-impressjoni li hija mnaqqxa fl-irħam.[2] Huwa fatt magħruf li l-familja Darmanin li minnha Gerolamo kien jagħmel parti kienet popolari ma' Malta kollha għax-xogħol fl-irħam u allura jista' jkun li l-idea li ssir xbieha ta' dan it-tip li tkun tidher qisha monument temporanju li jintrama fl-okkażjoni tal-festa tal-lokal kienet tal-istess statwarju.[3] Ta' min ifakkar ukoll li f'dak iż-żmien ma kinux għadhom ġew imwaqqfin l-għaqdiet tal-festa li nsibu llum f'bosta lokalitajiet minħabba li l-armar fil-festi esterni kienu għadu ineżistenti. Dan, allura, jkabbar il-probabilità li din

l-inizjattiva kienet idea ta' Gerolamo Darmanin jew ta' xi individwu li kien familjari miegħu u kkummissjonalu dan ix-xogħol.

Minħabba n-nuqqas ta' tiżjin fit-toroq sa dak iż-żmien u l-ineżistenza ta' gruppi responsabbli minn dan ix-xogħol, l-idea tal-istatwi fit-toroq ma kienx xi suċċess immedjat. Fil-fatt, kellhom jgħaddu ħdax-il sena sabiex tinħadem it-tieni rappreżentazzjoni li nafu bid-data ta' meta saret. Din saret għall-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu – lokalità viċin ħafna tal-Isla – u kienet turi *Il-laqgħa ta' San Lawrenz mal-Papa Sistu II*. Din saret minn Giovanni Darmanin, iz-ziju ta' Gerolamo.[4] Il-konnessjoni ta' din it-tip ta' arti mal-ħidma tal-familja fl-irħam tidher anke f'dan ix-xogħol minħabba li l-istess statwarju kien iddisinja l-pedestall li fuqu kienet set titpoġġa fit-triq – pedestall li stilistikament huwa simili għal ċertu oqbra fl-irħam li d-ditta *G.Darmanin e Figli* – id-ditta tal-familja – kienet taħdem.[5]

Minn hawn, nistgħu ngħidu li l-użu tal-istatwi bħala tiżjin fit-toroq beda jinxtered b'mod kajman għalkemm ma bdewx jiżżanżnu numru kbir ta' vari f'daqqa. Madanakollu, bit-twaqqif ta' numru ta' baned mużikali fit-tieni nofs tas-seklu dsatax u bil-qagħda ekonomika u soċjali Maltija pjuttost stabbli, l-aspett estern tal-festi inġenerali ħa spinta kbira 'l quddiem u ftit ftit beda l-iżvilupp ta' dan l-element tal-festi Maltin inkluż f'dak li hu armar. Skont gazzetti u ġurnali varji ta' dik l-epoka, sal-aħħar snin tas-seklu dsatax fil-festi kienu diġà jintramaw palk għall-baned, dwal u bosta armar ieħor. Ittra mibgħuta minn ċertu Ġużeppi lill-ġurnal *Malta Tagħna* tal-21 ta' Lulju 1896 p.2, ittina deskrizzjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-belt Valletta u turina mhux biss x'tip t'armar kien jintrama iżda wkoll ir-reazzjoni tal-popolin u l-entużjażmu li dan kien qed juri lejn l-armar ġdid li kien qed jiżżanżan. L-ittra ssemmi li,

> *'L-armar ta' barra u l-illuminazzjoni żdiedu u rnexxew bil-bosta.*
> *Il-pjazza kienet donnha ġenna, bl-armar addattat tagħha...*
> *Strada Teatro nistgħu nsejħulha Strada Angeli, għax bl-armar tagħha kienet verament triq tal-anġli.*
> *Dis-sena minflok kolonni saru anġli ġodda, bil-piramida tal-gass f'idhom matul it-triq kollha.'*

Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-użu tal-istatwi fit-toroq matul il-jiem tal-festa kompla jikber tant li dik il-prattika għadha għaddejja b'ritmu qawwi anke fil-preżent, fejn id-dehra ta' numru ta' xbihat figurattivi mpoġġija fit-toroq u l-pjazez tal-irħula hija xena komuni u impressjonanti fil-festi tagħna.

Dawn ir-rappreżentazzjonijiet jitqiesu bħala fergħa importanti ferm tal-istorja tal-kartapesta f'Malta. Tant hu hekk li, li kieku l-użu u t-teknika tal-kartapesta ma kinitx żviluppata u pperfezzjonata, l-użu tal-istatwi dekorattivi fit-toroq kien ikun ħaġa kważi impossibli li jsir. Infakkru, hawnhekk, li l-bidu tal-kartapesta f'Malta kien riservat biss għall-vari-manikini tal-Ġimgħa Mqaddsa fejn irjus, idejn u saqajn fil-kartapesta kienu jintlibsu ħwejjeġ ta' vera u jinġarru waqt il-purċissjonijiet. Lejn it-tielet deċennju tas-seklu tmintax, imbagħad, grazzi b'mod partikolari għall-istatwarju Saverio Laferla (ṁ.1761), bdiet issir komuni l-prattika li jsiru vari sħaħ tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-kartapesta. Laferla witta l-bażi għal vari sodi u reżistenti li estetikament ma kinux jagħmlu għajb għal vari oħrajn maħduma f'materjal aktar rispettat, jiġifieri fl-injam. Statwarji oħrajn li ġew wara Laferla, fosthom Antonio Mifsud *'In-Najċi'* (1760-1830) u Giuseppe Vella (1802-1860) komplew iħaddmu din it-teknika u fl-istess waqt bdew juru lill-poplu li meta mħaddma u magħmula sew il-kartapesta taf tagħti riżultati mill-aqwa kif ukoll kienet toffri vantaġġi bħal ngħidu aħna l-prezz aktar baxx biex jinħadmu l-vari fiha u l-piż relattivament ħafif tagħhom.

Saż-żmien meta l-membri tal-familja Darmanin bdew jaħdmu l-istatwi u l-vari f'din it-teknika, l-użu tal-kartapesta għal rappreżentazzjonijiet figurattivi sagri kien ġie aċċettat u mħaddan mill-poplu Malti. Għalhekk, maż-żmien, id-dilettanti fil-parroċċi raw li statwi tal-kartapesta setgħu jintużaw ukoll sabiex iżejjnu t-toroq bihom peress li grazzi għan-nuqqas ta' piż li jkun fihom kienu ideali sabiex jinġarru sal-post fejn kienu ser jintramaw u jintrefgħu fuq il-pedestalli għoljin tagħhom bla wisq tbatija. Fl-istess ħin, għan-nies ta' dak iż-żmien fejn l-armar estern ma kellux l-aspett artistiku kbir li għandna llum, il-fatt li fit-toroq ikollok statwi bħal ma ssib fil-knisja raw li kien mod kif wieħed iżid konsiderevolment l-element artistiku fihom.

It-tkattir ta' dawn ix-xbihat u l-popolarità tagħhom eventwalment wassal biex tinħoloq sistema – li se tiġi spjegata hawn taħt – fejn dawn jitpoġġew fit-toroq b'mod maħsub u mhux jiġu sparpaljati 'l hemm u 'l hawn. Din l-organizzazzjoni partikolari hija komuni għal kull raħal minkejja d-differenzi li nsibu fil-patroċinju tal-qaddis/a u s-suġġetti tal-istatwi fit-toroq. Hawn statwi li saru aktar minn mitt sena ilu u baqgħu jiġu armati fl-istess post proprju minħabba din is-sistema. Minħabba raġunijiet ta' toroq u bini ġdid, iżda, ċertu statwi kellu jinbidlilhom il-post fejn jintramaw però l-lok alternattiv li nstabilhom ġeneralment dejjem kien konformi ma' din is-sistema li, minkejja li ma ġiet mgħarrfa u mposta minn ħadd, id-dilettanti tal-armar fl-irħula differenti ta' matul iż-

żminijiet addattawha kważi kważi b'mod awtomatiku u naturali.

## It-Tqassim tal-Istatwi fl-Irħula

It-tqassim tal-istatwi madwar l-irħula u l-ibliet Maltin għandu bħala ċ-ċentru tal-importanza tiegħu, kif mistenni, lill-knisja parrokkjali. L-aktar xbihat importanti u sinjifikanti tal-patrun/a tar-raħal jew ta' xi personaġġ ieħor marbut miegħu jew magħha jew inkella mal-istorja tar-raħal jew tal-parroċċa jitpoġġew viċin il-knisja, sewwasew fuq iz-zuntier u l-pjazza ewlenija. Aktar mal-istatwi jkunu 'l bogħod mill-qofol ta' fejn tkun qiegħda ssir il-festa, anqas tkun l-importanza tagħhom.[6]

Fuq iz-zuntier ġeneralment jitpoġġew xi episodji sinjifikattivi mill-ħajja tal-qaddis, xi personaġġi importanti relatati magħhom, allegoriji tal-virtujiet li kellhom u/jew inkella figuri ta' anġli jżommu s-simboli tal-qaddis. Dawn l-istatwi jilħqu l-effett tagħhom hekk kif il-vara titulari toħroġ mill-bieb tal-knisja u tieqaf fuq iz-zuntier, fin-nofs ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet. F'dak il-mument, wieħed ikun jista' jara l-patrun partikolari mdawwar bl-episodji ta' ħajtu li wassluh biex jiġi meqjum u venerat, kif naraw fil-każ tal-festa ta' Santa Katarina fiż-Żurrieq.[7] Fil-festa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u fir-Rabat Għawdex, imbagħad, għandna każ fejn tpoġġew figuri relatati mal-ħajja tal-qaddis, sewwasew il-ġenituri – *Geronzio* u *Polikronja*. L-istess ġeneralment jiġri f'ħafna mill-festi tal-Madonna, fejn l-istatwi ta' *Sant'Anna* u *San Ġwakkin* jitpoġġew f'post prominenti fuq iz-zuntier. Żewġ figuri allegoriċi jitpoġġew fuq iz-zuntier tal-Bażilika ta' Santa Liena f'Birkirkara. Dawn jirrappreżentaw lill-*Fidi* u lil *Ruma*, li jfakkru fil-vers li kiteb San Girgor il-Kbir fuq il-qaddisa: '*Elena kebbset il-qlub ta' Ruma bid-dawl tal-Fidi*.'[8]

Ta' min wieħed isemmi każ interessanti li nsibu fil-festi ta' Santa Katerina taż-Żejtun u tas-Salvatur f'Ħal Lija. F'tal-ewwel, id-daqs taz-zuntier ippermetta sabiex fuqu jitpoġġew l-elementi kollha li ssemmew s'issa. Dan ifisser li hemm anġli jżommu s-simboli tal-qaddisa qrib il-bieb maġġur, figuri prominenti fil-ħajja tal-qaddisa – Porfirju u Fawstina, u anke x-xeni tal-martirju tal-qaddisa u l-glorja tagħha, li jintramaw fit-truf tal-istess zuntier. Fil-festa tas-Salvatur f'Ħal Lija, min-naħa l-oħra, naraw kif meta l-vara titulari titpoġġa fit-tarf taz-zuntier, ftit qabel tibda nieżla t-taraġ, ix-xena tat-Trasfigurazzjoni tkun kompluta permezz tal-figuri ta' *San Ġwann* u *San Ġakbu* fuq kull naħa tal-vara u *San Pietru* faċċata tal-knisja. Il-ġesti ta' dawn il-personaġġi huma mpoġġija b'mod fejn huma bħal donnhom qed jgħattu għajnejhom mid-dija qawwija li ħierġa mid-dehra li qed timmanifesta ruħha quddiemhom, proprju kif naqraw fir-rakkont ta' dan l-episodju fil-Vanġelu. Fi ftit kliem, dawn it-tlett statwi jieħdu s-sens komplut tagħhom meta jkun hemm il-vara titulari f'nofshom.[9]

It-tieni l-aktar post prominenti fl-organizzazzjoni tat-tqegħid tax-xbihat matul il-jiem tal-festa huwa bla dubju l-pjazza ewlenija - jew fejn m'hemmx pjazza , it-triq prinċipali tal-knisja parrokkjali. Apparti l-importanza ta' dan il-post bħala ċ-ċentru tal-irħula antiki ta' pajjiżna u l-qofol tal-attività tal-festa partikolari, il-pjazza toffri spazju kbir fejn wieħed jista' jimraħ fl-armar. Għal darb'oħra, is-suġġett tal-istatwi li jitpoġġew fil-pjazez ewlenin tal-irħula jiddependi mill-festa li tkun qed tiġi ċċelebrata. Ġeneralment però, il-festi tal-Madonna jkollhom is-sett tal-appostolat imdawwar quddiem il-knisja, kif naraw fil-festi ta' Santa Marija tal-Qrendi, l-Imqabba u Ħal Għaxaq. Minflok dawn, inkella, insibu festi oħrajn tal-Madonna li għandhom personaġġi tat-Testment il-Qadim bħal fil-każ ta' Ħal Balzan, Ħ'Attard, il-Mellieħa, Ħal Tarxien (festa tal-Annunzjata), il-Qrendi (festa tal-Madonna ta' Lourdes) u l-Imqabba (festa tal-Madonna tal-Ġilju). Minħabba r-relazzjoni viċina bejn it-titular tal-parroċċa u l-appostli, xbihat ta' dawn insibuhom ukoll fil-festi tas-Salvatur f'Ħal Lija, San Bartilmew f'Ħal Għargħur u San Pawl tar-Rabat (Malta).

F'festi tal-qaddisin, fil-pjazza ġeneralment jitpoġġew rappreżentazzjonijiet ta' personaġġi li b'xi mod jew ieħor kellhom konnessjoni mal-patrun partikolari. Fil-festa ta' Santa Liena f'Birkirkara, per eżempju, jitpoġġew sett ta' sitt dutturi tal-knisja li kollha kitbu fuq il-virtujiet tal-qaddisa imperatriċi, filwaqt li f'San Ġorġ ta' Ħal Qormi u r-Rabat Għawdex insibu sett statwi ta' nies prominenti u qaddisin oħra li b'xi mod xerrdu d-devozzjoni lejn San Ġorġ.[10] Fiż-Żurrieq, għalkemm il-pjazza mhijiex quddiem il-knisja bħalma nsibu f'irħula oħra iżda tinsab fil-ġenb tal-knisja, fiha nsibu sett ta' tmien filosofi li skont l-istorja iddiskutew il-fidi tagħhom ma' Santa Katarina u ġew konvertiti mill-istess qaddisa għall-Kristjaneżmu. Dawn huma probabilment l-uniċi xbihat ta' figuri mhux relatati mar-reliġjon Kattolika li nsibu fil-festi tagħna. Insibu każi fejn fil-pjazza jew fit-triq tal-knisja, jiġu armati statwi ta' qaddisin li kellhom xi ħaġa komuni mal-patrun. Fil-festi ta' San Duminku tal-Belt u l-Birgu, naraw sett ta' qaddisin Dumnikani u allura għandhom l-iskop li juru l-qdusija li ħarġet mill-Ordni Dumnikan li proprju waqqaf l-imsemmi qaddis. L-istess naraw fejn jidħol l-Ordni Karmelitan fil-festi tal-Fgura, iż-Żurrieq u l-Belt.

Fil-festi nsibu wkoll gruppi statwarji individwali li juru personaġġ jew xi xena marbuta mal-qaddis. Dawn ma jkunux jagħmlu parti minn xi sett ta' statwi u ġeneralment jitpoġġew f'post strateġiku minn

fejn tkun ser tgħaddi l-purċissjoni. L-aktar eżempju klassiku ta' dan it-tip ta' vari hija dik li turi l-*Martirju ta' Santa Katarina bir-Rota* f'Misraħ Mattia Preti fiż-Żurrieq fl-okkażjoni tal-festa tal-istess qaddisa. Din l-istatwa, xogħol ta' Vincenzo Maria Cremona tal-1899, hija unika għall-kobor u s-sens narrativ li fiha. Eżempji oħrajn ta' xbihat ta' dan it-tip huma l-istatwa tad-*Dehra tal-Anġlu lil San Ġużepp* li tintrama' wara l-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq fil-festa ta' dan il-qaddis, *Iż-Żwieġ tal-Madonna ma' San Ġużepp* fil-festa titulari ta' Ħal Tarxien, *Il-Ħarba ta' San Ġużepp mal-Madonna lejn l-Eġittu* fil-festa ta' San Ġużepp f'Ħaż Żebbuġ u d-*Disputa' ta' Santa Katarina mal-Filosofi Quddiem l-Imperatur* fil-festa taż-Żejtun.

Insibu wkoll statwi tal-patrun/a waħedhom li jitpoġġew fit-toroq. Dawn huma tip ta' statwi li l-biċċa l-kbira minnhom ikunu proprjetà tal-każini tal-baned. Ġeneralment ikollhom l-istess spirtu ta' glorja bħall-vara titulari – għalkemm forsi aktar movimentati, tant li kważi jistgħu jissejjħu bħala l-vari titulari tat-toroq. Festa li hija miżgħuda b'dawn it-tip ta' rappreżentazzjonijiet hija dik ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi fejn apparti x-xbihat li jarmaw il-każini, insibu wkoll statwi ta' San Ġorġ oħrajn mxerrdin f'bosta toroq u akwati tal-lokal. Apparti dawn it-tipi kollha ta' statwi, kważi kull festa jkollha wkoll numru ta' toroq u/jew sqaqien li jiġu armati b'bosta anġli u puttini li jkollhom il-brazzi f'idejhom. Apparti l-aspett dekorattiv tagħhom, dawn iservu wkoll biex idawlu l-post li jiġu armati fih.

## It-Tqassim tal-istatwi fit-Toroq ta' Ħal Kirkop fil-Festa ta' San Ġużepp

It-tqassim tal-istatwi fit-toroq matul il-festa ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop isegwi l-istess tqassim hekk kif deskritt hawn fuq. Ix-xbihat huma mxerrdin matul l-aktar akwati ċentrali tal-lokal, b'enfażi speċjali fuq il-pjazza prinċipali u t-triq ta' quddiem il-knisja, sewwasew fejn insibu s-sede tal-banda li ġġib isem il-qaddis.

Fuq iz-zuntier tal-knisja jintramaw żewġ gruppi statwarji tal-kartapesta li jirrappreżentaw *Il-Patroċinju ta' San Ġużepp fuq il-Knisja* u *l-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp minn Ibnu Ġesù*. Dawn ir-rappreżentazzjonijiet saru mill-istatwarju Għawdxi Paul Aquilina fis-sena 2009 fl-okkażjoni tal-125 sena anniversarju mill-wasla tal-vara titulari ta' San Ġużepp minn Marsilja. Il-kompożizzjoni ta' dawn l-istatwi tikkonsisti f'żewġ figuri – waħda għarkopptejha u oħra wieqfa. Meta jintramaw fuq iz-zuntier, dawn jidhru b'tali mod li jiġu simetriċi mal-bieb tal-knisja fejn il-figura għarkopptejha tidher dejjem fuq in-naħa tal-bieb maġġur.

L-istatwa tal-*Patroċinju ta' San Ġużepp fuq il-Knisja* turi lill-qaddis wieqaf quddiem il-figura allegorika tal-Knisja b'bastun twil f'idejh li jispiċċa b'salib Bażilikali. Il-Knisja hija murija bħala mara liebsa l-abjad bi fjamma fuq rasha, li qiegħda toffri t-tjara Papali mpoġġija fuq ktieb lil San Ġużepp li min-naħa tiegħu qed joħroġ idejh ix-xellugija 'l barra b'sinjal ta' benedizzjoni fuq il-Knisja. Il-figuri għandhom moviment meqjus li jagħti ċertu drammatiċità lix-xena. L-istess jista' jingħad għall-istatwa l-oħra tal-*Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp minn Ġesù,* fejn fiha naraw lil San Ġużepp għarkopptejh b'idejh ix-xellugija fuq sidru b'sinjal ta' qima u bl-oħra jżomm il-ġilji tas-safa li huma sinonimi miegħu. Quddiemu, l-figura ta' Kristu tidher liebsa libsa ħamra b'mant ikħal hekk kif qiegħed jgħolli 'il fuq kuruna magħluqa sabiex permezz tagħha jagħti ġieħ u qima lill-missier putattiv tiegħu. Dawn iż-żewġ gruppi statwarji jeżaltaw l-importanza ta' dan il-qaddis u għalhekk huma żewġ suġġetti ideali sabiex jitpoġġew f'post daqshekk prominenti bħal mhu z-zuntier tal-knisja parrokkjali.

Faċċata ta' din l-istess knisja, mis-sena 2012 'l hawn bdiet tintrama wkoll statwa – xogħol ta' Aaron Camilleri Cauchi – ta' personaġġ kruċjali fl-istorja tad-devozzjoni lejn San Ġużepp f'dan ir-raħal. Dan mhu ħadd ħlief Dun Ġużepp Barbara li kien Kappillan tal-parroċċa u anke Fundatur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp u tas-Soċjetà Mużikali tiegħu. Il-post fejn jintrama huwa aktar milli addattat għax mhux biss jinsab nofs triq bejn il-knisja u l-każin tal-banda li hu tant sinonimu magħhom, iżda wkoll jiġi faċċata tal-vara ta' San Ġużepp hekk kif din toħroġ mill-knisja. Bħal donnu x-xbieha ta' dan il-kappillan, liebes stola ħamra u rrakkmata, għandha l-aktar post



**L-Istatwa tal-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp, li flimkien ma' ta' pariġġha tintrama fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali, xogħol l-istatwarju Pawlu Aquilina fl-2009.**

prominenti sabiex huwa jgawdi x-xena tal-ħruġ tal-purċissjoni tal-Qaddis li jġib ismu u li għal dan l-għan l-istess Dun Ġużepp kien tant irsista fiż-żmien li hu dam Kappillan f'Ħal Kirkop. Din l-idea tista' tikkonfermaha wkoll il-qagħda u l-pożizzjoni tal-istess figura, fejn Aaron Camilleri Cauchi għamel lil Dun Ġużepp b'idejh mgħollija lejn il-knisja bħal donnu qiegħed juri lill-ispettatur il-frott taż-żerriegħa li kien żera' hu matul it-tieni nofs tas-seklu dsatax sabiex San Ġużepp ikollu festa li tixraqlu. Fl-istess ħin, qiegħed iżomm f'idejh ukoll il-proklama tat-twaqqif tal-Fratellanza Ġużeppina Koppija.

Fil-pjazza tal-knisja parrokkjali, fuq pedestall prominenti tintrama statwa ta' *San Ġużepp* mat-tfajjel Ġesù li saret ukoll fl-2009 sabiex tfakkar fil-125 anniversarju mill-wasla tal-Vara ta' San Ġużepp minn Franza. Din il-vara hija eżempju ta' xbieha li hawn fuq ġiet imsejjħa bħala l-istatwa titulari tat-toroq. F'din il-verżjoni tal-qaddis li nħadmet minn Aaron Camilleri Cauchi, naraw lil San Ġużepp liebes is-soltu libsa vjola bil-mant kannella u b'idejh mgħollija 'l fuq sabiex iżomm bastun iffjurit bil-ġilji. Huwa qed iħares lejn it-tfajjel Ġesù bħalikieku qiegħed f'xi taħdita miegħu, filwaqt li b'sieqa l-leminija qiegħed jirfes fuq ktieb miftuħ u li fuqu qed iserraħ ukoll il-bastun li għandu f'idejh. Jidher li dan il-ktieb huwa xi test ta' duttrina ħażina peress li fuqu hemm ukoll serp – simbolu tal-ħażen – li qiegħed ukoll idur mal-bastun. It-tfajjel Ġesù, min-naħa l-oħra, jinsab wieqaf fuq sħaba mdaqqsa u liebes libsa bajda bħala simbolu ta' safa' u innoċenza. Huwa qiegħed jippreżenta mudell tal-knisja ta' Ħal Kirkop lill-qaddis prinċipali – ġest li jirrappreżenta t-talba ta' Ġesù lil San Ġużepp sabiex dan iżomm il-ħarsien tiegħu fuq il-parroċċa u d-devoti tiegħu f'dan ir-raħal. Il-kompożizzjoni ta' din ix-xbieha hija ispirata minn dik li Abraham Gatt kien għamel fil-vara ta' San Ġużepp għall-parroċċa ta' Bormla. Il-mudellatura tal-panneġġi tal-ilbies u tal-figuri hija ta' livell għoli ferm filwaqt li l-id mgħollija ta' San Ġużepp u t-titjira timida tat-tarf tal-mant li qed idur u jaqa' minn fuq l-ispalla leminija tal-qaddis tagħti ftit moviment lix-xbieha li madanakollu xorta żżomm ċertu arja ta' dinjità.

Qabel din l-istatwa, fl-istess post kienet tintrama statwa oħra ta' San Ġużepp, xogħol ta' Dennis Bennett. Għalkemm il-kompożizzjoni tagħha tixbah lil dik preżenti, il-livell artistiku tagħha huwa aktar fqir, kif wieħed jista' jara mit-tqegħid tal-ilbies u l-mudellatura tal-figura umana. Il-kuluri tal-ilbies tal-personaġġi u l-ġesti ta' San Ġużepp huma identiċi iżda l-messaġġ fir-rappreżentazzjoni huwa anqas dirett minn dak propost minn Camilleri Cauchi. Dan għax id-djalogu bejn Ġesù u Ġużeppi huwa anqas ċar filwaqt li l-invokazzjoni lil San Ġużepp bħala wieħed mill-protetturi tar-raħal hija murija biss mill-mudell tal-knisja tar-raħal li tinsab fix-xifer tas-sħab u mhux fil-preżentazzjoni tagħha mill-Bambin lill-missier putattiv tiegħu. Minflok, Ġesù jidher b'idejh fuq sidru filwaqt li bl-id oħra qiegħed jaqbad tarf mill-mant ta' San Ġużepp – qagħda li hija nieqsa minn kull sinjifikat u rabta mal-messaġġ tax-xbieha.[11] Illum, din l-istatwa tintrama fi Triq il-Kbira flimkien ma' dik tal-Madonna taħt it-titlu ta' *Mater Christi*. L-ewwel statwa ta' din ir-rappreżentazzjoni jingħad li kienet inġiebet minn Marsilja u kienet taċ-ċaqquf, l-istess bħax-xbihat tal-profeti li ser jiġu msemmija aktar 'l isfel. Dik preżenti, però, saret minn Renzo Gauci fl-1991 u hija kopja tal-oriġinal. Iż-żewġ verżjonijiet, allura, huma fuq stil Purista u juru lill-Madonna liebsa libsa roża u mant ċelesti mdawwar magħha, b'kuruna miftuħa mpoġġija fuq il-velu abjad li jgħattila rasha. Id waħda hija mpoġġija b'mod delikat fuq sidirha filwaqt li l-oħra hija mniżżla 'l isfel u żżomm ġilji bojod.


BILL MERITU

Nhar il Hadd fis-19 ta dan ix-xahar ammirajna ix-xoghol gdid li sar fli statua tal Madonna tad-Duttrina ta Hal Tarxien min idejn li mghallem Anglu Dalli mill istess rahal. Cheina ucol l'occassioni nammirau il piedestall gdid, ta pregiu mill'akua gharrekka u ghal perfezioni tid-disinn u fli scultura tighu, mahdum min Manuel Buhagiar ta sda. s. Giuseppe Hal Tarxien.

Dauna izzeug mghallmin huma maghrufa ghal hedma tahhom, ghaliex xgholhom jixhed bizzejjed x'inhuma. Li uiehed, fost li statui li hadem, jinghaddu il Madonna ta Liesse tal Belt, il Madonna tar-Rusariu fil Parroccia tal Gudia, l'Abram u l Isac ta Hal Chircop. L'ihor ucoll jivvanta hafna opri ta l'isem li ghan-numru cbir tahhom ma jistghoux icunu haun coll imsemmija collha. Fosthom il piedistall tal Madonna tar-Rusariu tal Gudia u hafna ventarituri u opri ohra. Natuhom prosit minn kalbna.

G.

Estratt mill-Ġurnal Malta Tagħna tat-2 ta' Ġunju 1923, fejn fiha jiġi mfaħħar l-istatwarju Gudjan Anġlu Dalli għax-xogħol li ħadem fuq Iżakk u Abram għal Ħal Kirkop. Dwar Abram nistgħu ngħidu li din hija informazzjoni ħażina għax sal-1987 baqa' jintrama dak maħdum fiċ-ċaqquf.

Fit-triq ta' quddiem il-knisja, insibu sett ta' sitt statwi li jirrappreżentaw figuri mit-Testment il-Qadim b'rabta ma' San Ġużepp – *Ġakobb, Ġużeppi l-Ġust, Abraham, Iżakk, Isaija* u *David*. Dawn jintramaw fuq iż-żewġ naħat tat-triq li fiha hemm il-każin tal-Banda

San Ġużepp. Dawn ix-xbihat li nsibu llum inħadmu minn statwarji differenti fi żminijiet differenti. Oriġinarjament, f'din it-triq kien jintrama sett ta' 4 personaġġi iżda li kienu magħmula miċ-ċaqquf. Kellhom stil Purist, jiġifieri mingħajr enfażi fuq il-ġesti, kif ukoll mudellatura fina. Jingħad li dawn inħadmu Marsilja u waslu Ħal Kirkop flimkien mal-vara ta' San Ġużepp. Kellhom piż konsiderevoli tant li l-pedestalli tagħhom ma kinux jintrabtu. Sfortunatament, matul it-Tieni Gwerra Dinjija ġarrbu xi ħsarat żgħar wara li waqgħet bomba viċin il-każin, fejn huma kienu merfugħa. Minħabba t-toqol u l-ħidma unika tagħhom, kien inħass il-bżonn li dawn ma jibqgħux jintramgħu barra u kien għalhekk li kien inbeda proċess biex jiġu mibdula ma' verżjonijiet tagħhom fil-kartapesta Maltija filwaqt li aktar tard inħadmu wkoll oħrajn ġodda għal magħhom.[12]

L-istatwa ta' Ġakobb saret minn awtur mhux magħruf iżda xi snin ilu ġiet irrestawrata mis-Sur Jesmond Bonello. Minħabba l-interventi li saru fuq din ix-xbieha, huwa diffiċli sabiex wieħed jagħraf xi karatteristiċi li minnhom wieħed ikun jista' jiskopri min seta' kien l-istatwarju tagħha. Peress li ħadem xi xogħlijiet oħra għall-Festa ta' San Ġużepp, kif ħa naraw aktar 'il quddiem, jista' jkun li dan Ġakobb inħadem minn Carlo Darmanin avolja t-tqassim tal-panneġġi tal-libsa u l-maskra tal-wiċċ ma jaqblux mal-istil ta' dan l-istatwarju.[13] Statwa oħra hija dik ta' Ġużeppi l-Ġust magħruf aħjar bħala Ġustu. L-istatwa preżenti nħadmet minn Renzo Gauci fl-1991 u hija kopja ta' dik aktar antika li kienet maħduma miċ-ċaqquf. Hija turi l-personaġġ liebes elmu u korazza ta' suldat, b'mant ħamrani li hu marbut mal-ispalla l-leminija li mbagħad jgħatti d-driegħ tax-xellug u jdur mal-figura sakemm jinġema' mal-qadd u jaqa' 'l isfel tant li jgħatti anke s-sieq ix-xellugija. F'idejh ix-xellugija, huwa jżomm xetru u l-oħra hija mgħollija filwaqt li jipponta subajgħ il-werrek 'il fuq. Bħall-prototip li hija meħuda minnha, hija rappreżentazzjoni Purista, b'ġesti ristretti u nieqsa minn kull sens ta' drama.

L-istatwa ta' Abraham turi lil dan il-personaġġ iħares 'il quddiem, filwaqt li qed iżomm bastun f'id u ħabel fl-oħra, b'referenza lejn is-sagrifiċċju li kien mitlub jagħmel billi joqtol lil ibnu Iżakk għal Alla. Huwa liebes bi stil tipiku Lhudi, jiġifieri b'velu marbut ma' rasu, libsa twila u mant fuqha. Din ix-xbieha kienet saret minn Dennis Bennett fl-1987 fuq dik li kienet tagħmel parti mis-sett oriġinali li nġieb minn Marsilja, għalkemm kienet ġiet irrestawrata minn Jesmond Bonello. L-ispirtu Purista ta' din ir-rappreżentazzjoni jixbaħ ħafna lil dik tal-istatwa oriġinali iżda mhux l-istess jista' jingħad għall-mudellatura tal-figura, kemm f'dak li hu panneġġi tal-libsa u anke mudellatura tal-korp uman. Illum-il ġurnata, naraw anke differenzi fil-mod ta' kif huwa mpoġġi l-mant fuq il-figura, li huwa ferm altar sempliċi minn kif qiegħed fix-xogħol ta' Marsilja minkejja li dan kollu jista' jkun dovut għall-intervent li sar fuq l-istatwa. L-istatwa ta' Iżakk, min-naħa l-oħra, hija xogħol ta' Angelo Dalli mill-Gudja – l-awtur tal-vara tal-*Madonna tar-Rużarju* ta' raħal twelidu. Saret fis-snin għoxrin tas-seklu għoxrin u kienet ġiet irrestawrata wkoll minn Jesmond Bonello. Hija vara ta' livell artistiku aċċettabbli, fejn iż-żagħżugħ Iżakk jidher b'idejh il-leminija mgħollija sabiex iżomm fuq spalltu l-ħatab li bih missieru Abraham kellu jissagrifikah biex juri mħabbtu lejn Alla. Driegħu x-xellugija, imbagħad hija mbiegħda ftit minn ġismu filwaqt li jdejh tinsab miftuħa u tirrifletti s-sens ta' impotenza li hu għandu fis-sitwazzjoni li jinsab fiha. Hawnhekk, aktar mill-istatwi l-oħra, Iżakk għandu moviment ta' xi ħadd li jinsab miexi 'l quddiem u l-qfieli tad-drapp li għandu jżommu l-libsa bajdanija tiegħu mill-qadd ikompli jagħtu ftit enerġija lir-rappreżentazzjoni peress li jidhru qegħdin jiġu mħarrka minn xi żiffa ħelwa.



L-Istatwarju Gudjan Anġlu Dalli, magħruf bħala s-Suffari li ħadem l-istatwa ta' Iżakk biex tintrama fi Triq il-Parroċċa u tikkumplimenta l-erba' statwi taċ-ċaqquf.

L-istatwa ta' Isaija hija xogħol oriġinali ta' Jesmond Bonello li sar fl-2007. Il-profeta huwa muri bil-mod tradizzjonali tiegħu, jiġifieri b'sidru għeri u mgeżwer f'mant li jgħatti l-parti ta' qaddu u li huwa miżmum f'postu permezz ta' ħabel li jdur ma' żaqqu u spalltu x-xellugija. Huwa għandu driegħu il-leminija ħierġa 'l quddiem u bl-oħra qiegħed iżomm ktieb li fih xi kitba minn tiegħu u li qiegħed iserraħ fuq zokk baxx. Din l-istatwa tal-kartapesta għandha livell artistiku pjuttost modest u l-mudellatura u l-qagħda tal-korp tal-figura huwa nieqes minn ċertu telqa naturali u flessibilità. Il-mant huwa mitluq b'mod sempliċi u irregolari u ma jgħinx biex jagħti dehra aħjar lill-istatwa.

Ix-xbieha ta' David hija sinonima mat-tibdil u l-iżvilupp f'dan is-sett ta' statwi. Dan għaliex ir-rappreżentazzjoni ta' dan is-sultan li mir-razza tiegħu twieled San Ġużepp u ibnu Ġesù, saret għal mhux anqas minn tliet darbiet. L-ewwel statwa kienet tagħmel parti mis-sett taċ-ċaqquf li sar fis-seklu dsatax u kienet turi lil dan il-profeta liebes libsa bajda li tasal sa fuq kopptejh u mant ikħal inforrat bl-isfar. Huwa kien muri b'daqna pjuttost folta u xagħar twil li parti minnu kien mgħotti b'kuruna partikolari magħmula minn elmu tond u kuruna dehbija bil-

pizzi mdawra mat-tarf tiegħu. F'idejh huwa kien iġorr arpa żgħira li bil-ġesti tiegħu is-sultan bħal donnu qiegħed idoqq. Fl-1991, Renzo Gauci kien tqabbad sabiex jagħmel kopja tagħha – liema kopja baqgħet tintrama sas-sena 2013 meta nbeda l-proċess sabiex dawn l-istatwi jibdew jinbidlu ma' oħrajn aktar artistiċi u li ma jkunux marbuta mal-ikonografija tax-xbihat taċ-ċaqquf li kienu jintramaw qabel. L-aktar verżjoni riċenti tas-sultan David inħadmet mill-artist Għawdxi Manuel Farrugia u tajjeb wieħed jgħid li x-xbieha msemmija kienet l-ewwel xogħol statwarju kkummissjonat lilu. Farrugia interpreta lil David bħala sultan mdaħħal ftit fiż-żmien, b'idejh mgħollija 'l fuq sabiex tikkumplimenta t-tifħir lil Alla li huwa qed iwassal permezz tal-mużika bl-arpa tiegħu – l-istrument li qed iżomm f'idejh ix-xellugija. L-ilbies tal-personaġġ huwa sofistikat u jinkludi libsa vjola, li hu kulur rjali, li fuqha hemm impoġġija libsa oħra ta' lewn safrani li tgħatti l-parti ċentrali tal-figura. Fuq dan kollu hemm mant ta' kulur verdemar ċar li huwa miżmum fuq l-ispalla leminija ta' David u li parti minnu jibqa' nieżel fuq wara tal-figura mentri l-oħra tidher miġbuda lejn id-driegħ xellugi tal-personaġġ għal wara l-arpa. Din il-parti tal-mant imbagħad terġa' titfaċċa minn taħt il-komma tal-libsa u titla' ma' qadd is-sultan sakemm iżżomm f'postha grazzi għal biċċa terħa magħmula minn drapp pjuttost wiesa u li bih qed jiffurmaw dawk il-panneġġi naturali tal-ilbies. L-aspett irjali ta' David huwa miżjud grazzi għall-kuruna li liebes u għall-metall dehbi li għandu ma' jdejh. L-istatwa għandha moviment sabiħ u bbilanċjat li huwa muri mhux biss bl-id mgħollija iżda wkoll mill-qagħda kunfidenti tiegħu fejn it-torso bħal donnu sejjer lura u huwa mitfugħ fuq naħa u li huwa bbilanċjat bil-moviment tal-parti t'isfel tal-libsa safranija li sejjer fuq in-naħa opposta tat-torso u allura jenfażizza l-qagħda inklinata tal-figura.

Dawn is-sitt personaġġi jwassluna sa Misraħ Ħal Kirkop, fejn hemmhekk jintrama grupp statwarju ieħor li jeżalta rwol ieħor ta' San Ġużepp – dak ta'kap tal-familja mqaddsa ta' Nazzaret. Fil-fatt, din l-istatwa turi lill-qaddis waqt ix-xogħol tiegħu ta' mastrudaxxa – kif jidher mill-bank tax-xogħol u l-għodda relatati li hemm fil-qrib – akkumpanjat mit-tfajjel Ġesù li qed iżomm salib żgħir f'idejh u mill-Madonna. Din ix-xbieha saret minn Alfred Camilleri Cauchi fl-2005 fl-okkażjoni tal-ħamsin sena anniversarju minn meta San Ġużepp kien ġie ddikjarat bħala Patrun tal-Ħaddiema. F'din il-kompożizzjoni tispikka l-figura ta' Ġesù li jinsab fiċ-ċentru tal-istatwa. Huwa għaddej b'taħdita ma' missieru filwaqt li l-Madonna qed tħares lejn l-ispettatur u b'idejha tixħet l-attenzjoni fuq il-figuri li qed jakkumpanjawha. Din l-istatwa hija xogħol tipiku ta' Alfred Camilleri Cauchi, fejn il-mudellatura tal-ilbies – magħmula minn pjiegi kbar u wiesa mpoġġija b'mod naturali - u l-qagħda tal-figuri u espressjonijiet tal-uċuh jixhdu l-kapaċità teknika tal-istatwarju.

Wieħed jista' jgħid li dawn huma l-aktar statwi mportanti fil-festa, hekk kif jintramaw fiċ-ċentru tar-raħal sewwasew fejn issir l-akbar attività. Madanakollu, ma jfissirx li fi bnadi oħrajn ma nsibux statwi ta' personaġġi sinjifikattivi jew ta' statwarji mportanti. Biżżejjed insemmu li fi Triq Mons. Barbara jintramaw żewġ xbihat li jirrappreżentaw lill-*Papa Ljun XIII* u lill-*Papa Piju IX* li huma xogħol ta' Carlo Darmanin. Dawn iż-żewġ Papiet huma marbuta sew mad-devozzjoni lejn San Ġużepp u għalhekk mhijiex sorpriża li dawn kienu jintramaw fuq iz-zuntier tal-knisja qabel bdew jitpoġġew fil-post li qed jintramaw fih fil-preżent.[14] L-istatwa tal-*Papa Piju IX* saret qrib is-sena 1885[15] filwaqt li dik ta' *Papa Ljun XIII* saret wara l-1889, li hi s-sena ta' meta kiteb l-Enċiklika *Quanquam Pluries*. Dawn iż-żewġ statwi huma simili fil-kompożizzjoni sempliċi tagħhom. Darmanin urihom wieqfa u lebsin l-ilbies Papali filwaqt li f'id waħda jżommu d-dokument uffiċjali tad-dikjarazzjonijiet tagħhom fuq San Ġużepp. Il-moviment tagħhom huwa kważi ineżistenti ħlief għall-id leminija tagħhom fejn il-Papa Piju IX qed jgħolliha b'ġest ta' benedizzjoni filwaqt li l-Papa Ljun XIII qiegħed iżomm pinna-rixa.



**L-ewwel statwa ta' San Ġużepp tal-marċ maħduma wara l-Gwerra minn Xandru Mallia.**

Fi Triq San Benedittu tintrama statwa oħra, xogħol id-dilettant Dennis Bennett. Din tirrappreżenta *l-Anġlu taċ-Ċentinarju* u jfakkar il-mitt sena mill-wasla tal-istatwa ta' San Ġużepp fl-1984. Hija turi anġlu jżomm kuruna u xettru mpoġġija fuq imħadda f'id u l-ġilji tas-safa' fl-id l-oħra. Għalkemm l-istatwa

kienet ġiet irrestawrata minn Andrew Bugeja, jidher li hija ta' livell artistiku pjuttost baxx fejn għalkemm kien hemm tentattiv sabiex tingħata pożizzjoni movimentata lill-anglu, kif jidher mill-id mgħollija u r-riġel tax-xellug li jinsab maqtugħ mis-sħab, dan ma tantx wassal għal riżultat sodisfaċenti. Il-panneġġi tal-libsa jkomplu jagħtu dehra wieqfa u stirata lill-figura peress li huma mpoġġija b'mod vertikali għall-aħħar. Il-mant kaħlani mhuwiex ixxamplat fuq il-figura u nieqes minn kull tidwir u moviment artistiku kif insibu fix-xogħlijiet ta' statwarji professjonali.

Fi Triq Santu Rokku, wieħed isib statwa oħra xogħol ta' Jesmond Bonello li saret fl-2001. Din turi lil *Mosè* fil-mument li wera t-twavel tal-kmandamenti lill-poplu Lhudi hekk kif niżel mill-muntanja Sinaj. Il-modellatura anatomika tal-figura hija pjuttost sodisfaċenti u fit-tqegħid tal-ilbies wieħed jista' jagħraf tentattiv sabiex id-dawra tal-mant u l-pożizzjoni tal-libsa jżidu l-element artistiku tax-xbiha kollha.

## Konklużjoni

It-tqassim tal-istatwi fit-toroq ta' Ħal Kirkop matul il-festa ta' San Ġużepp isegwi s-sistema tradizzjonali ta' kif żviluppaw l-armar fil-festi Maltin. Kif rajna, l-aktar statwi sinjifikattivi jinstabu fl-akwati viċin il-knisja u kull xbieha għandha tifsira partikolari vis-a-vis d-devozzjoni jew il-ħajja ta' San Ġużepp. Apparti dawn ir-rappreżentazzjonijiet varji, il-festa ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop fiha element statwarju uniku fl-armar tagħha – dak ta' nofs statwa li tagħmel parti minn bandalora. Din turi lil San Mark l-Evanġelista u huwa xogħol ta' Paul Aquilina li sar fl-2007. Dan juri twaħħid bejn l-arti tal-iskultura ma' dik vernakulari li wieħed isib fl-armar tad-drapp.

Tajjeb li meta wieħed ikun qed idur mat-toroq tal-irħula tagħna fil-jiem tal-festi Sajfin jagħraf sew u japprezza mhux biss it-tifsir tal-istatwi li jkun hemm armati iżda wkoll l-iskop u s-sens tal-post partikolari li jokkupaw u kif l-istatwarji li sawruhom qagħdu attenti li jirrispettaw il-lok fejn xogħolhom kien ser jiġi espost. Dawn l-istatwi mhux biss jesponi l-bravura ta' min ħadimhom iżda huma wkoll xhieda tar-rieda ta' missirijietna li jwasslu messaġġ Nisrani u jew/storiku bl-opri li kkummissjonaw sabiex fl-istess ħin isebbħu wkoll ir-raħal tagħhom u b'hekk juru aktar qima u rispett lejn il-qaddis li tant iħobbu. Huwa għalhekk ukoll li l-istatwi tat-toroq għandhom jintramaw b'kura u attenzjoni minn min hu responsabbli sabiex ma jsirilhomx ħsarat bla bżonn.

**Referenzi**

1 Alexander Bonnici, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol.III, Malta 1991, p.150.

2 Komunikazzjoni personali mas-Sur Renzo Gauci.

3 Il-familja ta' G.Darmanin e Figli kienet immexxija minn missier l-istatwarji Carlo u Giovanni Darmanin kif ukoll nannu ta' Gerolamo Darmanin. Huma kienu jieħdu sehem f'bosta esebizzjonijiet tal-arti u artiġġjanat barra minn Malta fejn kienu jissemmew u jiġu rikonoxxuti għax-xogħol fin u sabiħ li kienu jippreżentaw. F'Malta kienu jiġu kkummissjonati xogħol ta' monumenti u lapidi mill-gvern Ingliż, apparti xogħol ieħor fil-knejjes.

4 Lorenzo Zahra, *Nota Storika dwar 'iċ-Ċorma'*, Programm tal-Festa ta' San Lawrenz 2003, p. 123 u P.P. Castagna, *L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha*, p.212.

5 Komunikazzjoni personali mas-Sur Renzo Gauci.

6 Din id-deskrizzjoni li ġejja hija msejsa fuq l-aspett ġeneriku ta' kif jiġu armati l-istatwi fil-maġġoranza tal-irħula tagħna.

7 F'din il-festa fuq iz-zuntier insibu erba' gruppi statwarji li jirrappreżentaw *Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina*, *Il-Glorja ta' Santa Katarina*, *It-Trasportazzjoni ta' Ġisimha lejn il-Muntanja Sinaj* u *l-Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina*. Dawn l-istatwi huwa kollha xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi. Apparti dawn, taħt iz-zuntier jitpoġġew ukoll sett ta' erba' anġli iżommu s-simboli relatati mal-qaddisa, xogħol ta' Paul Aquilina.

8 Insibu wkoll fejn fuq iz-zuntier jitpoġġew kemm anġli waħedhom, bħall fil-każ tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi u anke anġli flimkien ma' personaġġi relatati mal-qaddis bħal ma naraw fil-festa ta' San Gejtanu fil-Ħamrun.

9 Dan kien l-iskop ewlieni ta' Carlo Darmanin meta ġie biex jaħdem l-istatwi msemmija wara li ma rnexxielux jinkludihom fil-vara titulari nnifisha fl-1864 minħabba kwistjoni ta' daqs u toqol.

10 Filwaqt li l-istatwi fil-festa tar-Rabat Għawdex huma xogħol pjuttost riċenti ta' Michael u Adonai Camilleri Cauchi, is-sett ta' Ħal Qormi għadu qed jiġi ffurmat minn Aaron Camilleri Cauchi.

11 Qabel din l-istatwa kien hemm oħra xogħol ta' Xandru Mallia ta' wara l-gwerra u li kienet tintrama' f'Misraħ Ħal Kirkop.

12 Komunikazzjoni personali mas-sur Angelo Schembri. Ta' min jgħid li fl-1949, is-sur Lorenzo Gatt tal-Birgu kien irranġa l-partijiet żgħar minn dawn l-istatwi li kienu ġarrbu l-ħsarat matul l-inċident ta' żmien il-gwerra. Matul l-aħħar snin, kienu ġew ikkuntattjati r-restawraturi Dun Charles Vella kif ukoll Brian Caruana sabiex jevalwaw il-ħsara li kellhom xi statwi minn dan is-sett. Dawn ikkonkludew li ż-żebgħa ta' dawn ix-xbihat għadha dik oriġinali u għalhekk kienet deċizjoni għaqlija li dawn illum m'għadhomx jiġu armati barra matul il-jiem tal-festa.

13 Wieħed jista jipotizza wkoll li dan seta' nħadem minn Vincenzo Maria Cremona, speċjalment jekk wieħed iqis l-idejn u l-istil tal-wiċċ. Kif diġa' għidna, pero', l-interventi li saru jtellfu milli wieħed jara eżatt u jqabbel dan ix-xogħol ma' xogħlijiet oħrajn ta' dan l-artist.

14 Fl-1870 il-Papa Piju IX kien iddikjara lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali filwaqt li fl-1889 il-Papa Ljun XIII kiteb l-Enċiklika Quanquam Pluries, li fiha huwa ħatru bħala mudell tal-missirijiet tal-familji u li kkonferma li l-qdusija kbira tiegħu tpoġġieh daqs il-Madonna fost il-qaddisin kollha.

15 Komunikazzjoni Personali mas-Sur Angelo Schembri.